

Brussell, 2 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

11143/25

VISA 101  
FRONT 163  
MIGR 239  
IXIM 150  
SIRIS 6  
COMIX 206  
CH  
IS  
LI  
NO

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 346 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tnejjiet għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament VIS f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2021/1134

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 346 final.

Mehmuż: COM(2025) 346 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.7.2025  
COM(2025) 346 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tħejjijiet għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament  
VIS f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2021/1134**

## Sommarju eżekuttiv

L-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2021/1134<sup>1</sup> li jemenda fost l-oħrajn ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS)<sup>2</sup> jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta **rapport** annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istat attwali tat-tħejjijiet għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament. Dan huwa **t-tielet rapport tal-Kummissjoni**.

L-implimentazzjoni tal-arkitettura l-ġdida tat-teknoloġija tal-infommazzjoni (IT, Information Technology) għall-migrazzjoni, il-fruntieri u s-sigurtà hija l-pedament tal-istabbiliment ta' waħda mill-aktar sistemi moderni ta' ġestjoni tal-fruntieri fid-dinja. Is-Sistema ta' Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS, Visa Information System) hija parti integrali minn din l-arkitettura. Biex tinkiseb implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha, l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati maż-żona Schengen, jenħtieġ li l-aġenziji tal-UE u l-Kummissjoni jimxu 'l quddiem flimkien. Huwa importanti li kull parti tiegħu r-responsabbiltà biex tiżgura li s-sistema tkun tista' ssir operattiva fl-istess ħin, biex b'hekk jiġi evitat aktar dewmien u li jiżdedu l-kostijiet.

B'mod ġenerali, l-implimentazzjoni tal-VIS riveduta tinsab fit-triq it-tajba. Wara l-adozzjoni tar-Regolament emendatorju (UE) 2021/1134 fis-7 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni bdiet tiddiskuti minnufih fil-komitati rilevanti u fil-grupp ta' esperti t-12-il **att ta' implimentazzjoni u delegat** meħtieġa biex jiġu żviluppati l-funzjonalitajiet il-ġodda tal-VIS riveduta. Il-ħidma kompliet fl-2024, bit-12-il att Ta' implimentazzjoni u delegat li bħalissa jinsabu f'diversi stadji fil-proċedura ta' adoxxjoni. Ġew adottati seba' atti, filwaqt li ħamsa qed jitħejjew mill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Infommazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1134/2021-07-13>).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/767/2023-12-27>).

# 1. Introduzzjoni

Il-VIS ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE<sup>3</sup> biex tippermetti l-iskambju ta' data dwar il-viża bejn l-Istati Membri. Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Regolament VIS)<sup>4</sup> stabbilixxa:

- l-għan u l-funzjonalitajiet tal-VIS u r-responsabbiltajiet assoċjati.
- il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-iskambju ta' data dwar il-viżi għal perjodu qasir bejn l-Istati Membri biex jiġi ffaċilitat l-eżami ta' applikazzjonijiet għal viżi għal perjodu qasir u deċiżjonijiet relatati.

Il-VIS bdiet topera fil-11 ta' Ottubru 2011 u tnediet gradwalment fil-konsolati tal-Istati Membri kollha bejn Ottubru 2011 u Frar 2016.

L-għan tal-VIS huwa li ttejjeb l-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi u l-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni konsulari bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-viża billi tiffaċilita l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar applikazzjonijiet u deċiżjonijiet relatati. Il-VIS għandha l-għan fost l-oħrajn li:

- tiffaċilita l-proċedura tal-applikazzjoni għal viża.
- tipprevjeni l-“visa shopping”.
- tiffaċilita l-għieda kontra l-frodi tal-identità.
- tgħin fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe persuna li ma tissodisfax jew ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri.
- tiffaċilita d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup>.

Fit-2 ta' Awwissu 2021, daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2021/1134 (ir-Regolament VIS rivedut) li jemenda fost l-oħrajn ir-Regolament VIS. Il-VIS riveduta se tipprovdi lill-awtoritajiet li joħorġu l-viżi b'informazzjoni ewlenija dwar l-applikanti għal viżi ta' Schengen għal perjodu qasir, filwaqt li tippermetti lill-gwardji tal-fruntiera jidentifikaw vjaġġaturi li jistgħu joħlqu riskji għas-sigurtà. Ir-regoli l-ġodda jespandu wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-VIS – b'mod partikolari billi jżidu l-applikanti u d-detenturi ta' viżi għal perjodu fit-tul u ta' permessi ta' residenza – b'rispett sħiħ għar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data. Dan se jiżgura li l-awtoritajiet rilevanti jkollhom l-informazzjoni li jeħtieġu, meta jkun jehtigħu. Ir-regoli l-ġodda se jippermettu kontrolli aktar bir-reqqa dwar l-isfond tal-applikanti għal viżi għal perjodu qasir, viżi għal perjodu twil u permessi ta' residenza, skambju aħjar ta' informazzjoni

---

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2004/512/2019-06-11>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/767/2023-12-27>).

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/604/oj>).

bejn l-Istati Membri dwar id-detenturi ta' dawn id-dokumenti u interoperabbiltà sħiħa ma' sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE.

Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2021/1134 il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar l-istabbiliment tad-data għall-bidu tal-operazzjonijiet tal-VIS riveduta. Dak l-artikolu jstabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet li jeħtieġ li jkunu ġew issodisfati biex din id-deċiżjoni tiġi adottata. Dawn huma:

- li l-atti ta' implimentazzjoni u delegati meħtieġa msemmija f'dan ir-rapport ikunu ġew adottati.
- li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA, European Union Agency for the Operational Management of Large-Scale IT Systems in the Area of Freedom, Security and Justice) tkun innotifikat lill-Kummissjoni li l-attivitajiet kollha ta' ttestjar ikunu tlestew b'suċċess; u
- li l-Istati Membri jkunu nnotifikaw lill-Kummissjoni li huma jkunu għamli l-arranġamenti tekniċi u legali meħtieġa.

Il-VIS se tkun parti mill-qafas komuni għall-interoperabbiltà stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817<sup>6</sup> u (UE) 2019/818<sup>7</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE<sup>8</sup> ġie stabbilit sabiex dawn is-sistemi u d-data tagħhom jissupplimentaw lil xulxin, bl-objettiv ġenerali li jittejjbu l-effettività u l-effiċjenza tal-kontrolli fil-fruntieri esterni. Dan se jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari, kif ukoll għall-iżgurar ta' livell għoli ta' sigurtà u t-titjib tal-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi. Għal dak il-għan, l-iżvilupp tekniku ta' funzjonalitajiet u proċessi ġodda tal-VIS jenħtieġ li jkun konsistenti bis-sħiħ ma' daww tas-sistemi l-oħra ta' informazzjoni tal-UE li huma parti mill-qafas.

L-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2021/1134 jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali lill-Parlament u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tnejjiet għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament. Dan japplika sakemm il-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni li tistabbilixxi d-data għall-bidu tal-operazzjonijiet tal-VIS f'konformità mal-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/817/2025-01-28>).

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/818/2025-01-28>).

<sup>8</sup> Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES, Entry/Exit System), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS, European Travel Information and Authorisation System), is-sistema Ewropea għat-tqabbil ta' data dattiloskopika ta' persuni li jfittxu l-asil (Eurodac, European system for the comparison of the dactyloscopic records of asylum seekers), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS, Schengen Information System), u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal Ċittadini ta' Pajjiż Terz (ECRIS-TCN, European Criminal Records Information System for Third-Country Nationals).

il-kostijiet imġarrba u informazzjoni dwar kwalunkwe riskju li jista' jaffettwa l-kostijiet ġenerali.

L-ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tħejjijiet għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament VIS ġie adottat fit-9 ta' Frar 2023<sup>9</sup>, bit-tieni rapport isegwi fit-18 ta' Jannar 2024<sup>10</sup>. Peress li t-tieni rapport ikopri l-perjodu sat-tħejjija tiegħu f'Novembru 2023, dan it-tielet rapport ikopri l-perjodu minn Diċembru 2023 sat-tħejjija tiegħu f'Novembru 2024.

## 2. Leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tar-Regolament VIS

Ir-Regolament (UE) 2021/1134 jipprovdi lill-Kummissjoni b'diversi setgħat għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni u delegati, li wħud minnhom huma meħtieġa biex l-eu-LISA tkun tista' tibda tfassal u tiżviluppa l-funzjonalitajiet il-ġodda fil-kuntest tal-arkitettura ġenerali tas-sistema tal-IT, speċjalment peress li dan jirrikjedi d-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi. Atti oħra huma meħtieġa biex jiġu stabbiliti regoli tekniċi li jiffaċilitaw l-użu tal-VIS mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri u mill-aġenziji tal-UE.

Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1134 fl-2021, il-Kummissjoni organizzat 22 laqgħa tal-Kumitat u 12-il Grupp ta' Esperti dwar il-VIS riveduta, biex tiddiskuti sensiela ta' abbozzi ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-iżvilupp tagħha.

It-12-il att ta' implimentazzjoni u delegat jinsabu f'diversi stadji fil-proċedura ta' adozzjoni. Sitt atti ta' implimentazzjoni u att delegat wieħed diġà huma adottati formalment, filwaqt li tliet atti ta' implimentazzjoni u żewġ atti delegati qed jitħejjew għall-adozzjoni. Dan qed jintwera aktar fit-tabella ta' hawn taħt:

*Tabella 1. Atti ta' implimentazzjoni u delegati meħtieġa – is-sitwazzjoni attwali f'Novembru 2024*

Regolament	Tip ta' att	Adottat	Taħt adozzjoni formali	Fil-kumitat jew fil-grupp	Għadu ma bediex
VIS	Delegat	1		2	
	Ta' implimentazzjoni	6		3	

*Tabella 2. Atti ta' implimentazzjoni u delegati meħtieġa, skont l-att – is-sitwazzjoni attwali f'Novembru 2024*

	Bażi legali	Tip ta' att	Status
1	Art. 5a	Ta' implimentazzjoni	Adottat

<sup>9</sup> COM(2023) 66 final.

<sup>10</sup> COM(2024) 13 final.

2	Art. 6(5)	Ta' implimentazzjoni	Adottat
3	Art. 9	Delegat	Adottat
4	Art. 9h u 22b	Delegat	<i>Għaddej ix-xogħol</i>
5	Art. 9j(2)	Delegat	<i>Għaddej ix-xogħol</i>
6	Art. 9j(3)	Ta' implimentazzjoni	<i>Għaddej ix-xogħol</i>
7	Art. 29 u 29a	Ta' implimentazzjoni	Adottat
8	Art. 45(1)	Ta' implimentazzjoni	<i>Għaddej ix-xogħol</i>
9	Art. 45(2)	Ta' implimentazzjoni	<i>Għaddej ix-xogħol</i>
10	Art. 45(3)	Ta' implimentazzjoni	Adottat
11	Art. 45c u 45d	Ta' implimentazzjoni	Adottat
12	Art. 50(4)	Ta' implimentazzjoni	Adottat

### 3. Monitoraġġ tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri u mill-aġenziji tal-UE

L-importanza tal-implimentazzjoni f'waqtha tal-VIS riveduta hija rikonoxxuta sew fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri. Il-partijiet ikkonċernati kollha jifhmu sew ukoll l-interdipendenzi bejn il-VIS u l-iżvilupp ta' sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE u tal-komponenti tal-interoperabbiltà. Sabiex tinkiseb implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha, il-Kummissjoni qed timmonitorja l-implimentazzjoni tar-Regolament VIS rivedut permezz ta' diversi miżuri, inklużi l-laqgħat tal-Kumitat, tal-Grupp ta' Esperti u tal-Grupp Konsultattiv, kif ukoll laqgħat regolari mal-aġenziji tal-UE.

### 4. Kostijiet u riskji

#### *Kostijiet għall-aġenziji tal-UE*

Skont l-informazzjoni li pprovdew, l-aġenziji rilevanti tal-UE ġarrbu l-kostijiet li ġejjin relatati mal-implimentazzjoni tal-VIS riveduta bejn Novembru 2023 u Novembru 2024:

- l-eu-LISA kellha kost totali tal-implimentazzjoni ta' EUR 12,7 miljun.
- il-kostijiet tal-konsulenza u tas-software tal-Europol ammontaw għal EUR 0,6 miljun.
- l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ma ġarrbet l-ebda kost.

#### *Kostijiet addizzjonali tal-eu-LISA*

Matul l-implimentazzjoni tal-VIS riveduta, ġew identifikati ħtiġijiet ġodda hekk kif il-proġett mexa 'l quddiem, li kienu jeħtieġu li l-eu-LISA titlob bidliet mill-kuntratturi tagħha dwar il-VIS riveduta. Dan wassal għal kostijiet mhux previsti. Barra minn hekk, l-istruttura kuntrattwali attwali tal-Aġenzija tinkludi kostijiet marbuta mal-governanza tal-proġett u attivitajiet trasversali proporzjonali għad-durata tal-kuntratt. Għalhekk, l-estensjoni tal-iskeda ta' żmien għall-VIS riveduta, kif imsemmi fit-taqsimha "Skeda ta' żmien għall-VIS riveduta" ta' dan ir-rapport, tiġġenera kostijiet addizzjonali.

#### *Kostijiet tal-Istati Membri*

L-allokazzjoni indikattiva ppjanata fil-programmi BMVI tal-Istati Membri għall-perjodu 2021-2027 għall-istabbiliment, it-tħaddim u l-manutenzjoni tal-VIS, inkluża l-interoperabbiltà

tagħha ma' sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira, hija ta' EUR 103,4 miljun (kontribuzzjoni tal-UE<sup>11</sup>).

Skont id-data dwar l-implimentazzjoni tal-programm mibgħuta mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-kontribuzzjoni tal-UE għall-operazzjonijiet magħżula (proġetti, azzjonijiet jew grupp ta' proġetti taħt il-programmi kkonċernati) hija ta' EUR 58,4 miljun<sup>12</sup>. Dan l-ammont jirrappreżenta l-kontribuzzjoni għall-impenji tal-awtoritajiet tal-Istati Membri għal dawk l-operazzjonijiet. Ma jikkorrispondix għan-nefqa li tkun diġà saret.

#### *Skeda ta' żmien għall-VIS riveduta*

L-implimentazzjoni tal-VIS riveduta fi ħdan il-qafas komuni tal-interoperabbiltà u l-adattament tagħha biex tinteraġixxi mas-sistemi l-oħra tal-IT (eż. is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)) tinvolvi bidliet fis-sistema li kull darba jirriżultaw f'verzjoni ġdida tagħha. Dawn il-verżjonijiet differenti tal-VIS iridu jiġu implimentati f'sekwenza. L-interdipendenza tad-diversi sistemi ta' informazzjoni tal-UE tista' taffettwa d-durata ta' xi partijiet tal-proġett biex tiġi implimentata l-arkitettura l-ġdida għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-fruntieri, il-migrazzjoni u s-sigurtà.

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen imġedda daħlet fis-seħħ f'Marzu 2023. Fid-19-20 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni approva skeda ta' żmien għas-sistemi li fadal. Skont dan il-pjan direzzjonali, l-EES kienet skedata li tibda topera fil-ħarifa tal-2024, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) fir-rebbiegħa tal-2025 u l-VIS riveduta fil-ħarifa tal-2026, flimkien mal-arkitettura tal-interoperabbiltà.

Madankollu, wara l-perjodu kopert minn dan ir-rapport, il-pjan direzzjonali għall-introduzzjoni tal-arkitettura tal-interoperabbiltà ġie rivedut minħabba l-posponiment tad-dħul fl-operazzjonijiet tal-EES, li jaffettwa l-iskeda ta' żmien għall-VIS riveduta. B'mod partikolari, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni approva l-pjan direzzjonali rivedut fil-5 ta' Marzu 2025, li skontu, l-EES hija skedata li tibda l-operazzjonijiet b'mod progressiv f'Ottubru 2025, l-ETIAS fl-aħħar trimestru tal-2026 u l-VIS riveduta fl-2027.

## **5. Konklużjoni**

L-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati maż-żona Schengen u l-aġenziji tal-UE għandhom impenn ġenerali komuni biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-VIS riveduta, ukoll bħala parti mill-qafas ta' interoperabbiltà usa' għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE.

Il-Kummissjoni tkompli tikkoordina u timmonitorja mill-qrib il-progress tal-partijiet kollha involuti biex tiżgura disponibbiltà f'waqtha tal-VIS riveduta.

---

<sup>11</sup> Sors: Programmi tal-Istati Membri, nefqa ppjanata taħt l-oġettiv speċifiku 2, il-Politika Komuni dwar il-Viżi, il-Kodiċi ta' intervent 006. Sistema tal-IT fuq skala kbira, Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), Novembru 2024.

<sup>12</sup> Sors: Data mibgħuta mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/1060, 30 ta' Novembru 2024.